MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-25 ta' April, 2008

Appell Civili Numru. 2528/1997/1

**Mario Sciberras**

**v.**

**Emanuel u Josephine konjugi Zammit**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur li tghid hekk:

"Premess illi l-konvenuti ffirmaw u accettaw a favur ta' l-attur tnejn u erbghin-il kambjala (42) tal-valur komplessiv ta' tnejn u erbghin elf lira Maltija (Lm42,000), liema kambjali huma numerati minn wiehed (1) sa tnejn u erbghin (42);

"Premess illi dawn il-kambjali huma pagabbli *a vista*, u li erbgha u tletin (34) kambjala minnhom, li veri kopji awtentikati taghhom jinsabu hawnhekk annessi u markati Dok. "A1" sa "A34", tal-valur komplessiv ta' erbgha u tletin elf lira Maltija (Lm34,000), jirrizultaw dovuti skond id-data tal-hrug taghhom, u ghalhekk il-konvenuti huma debituri ta' l-attur fl-ammont ta' erbgha u tletin elf lira Maltija (Lm34,000), fuq il-kambjali numerati minn wiehed (1) sa erbgha u tletin (34) fuq citati (Dok. "A1" sa "A34");

"Premess illi ghalkemm il-konvenuti gew interpellati diversi drabi biex ihallsu, dawn baqghu inadempjenti;

"Premess illi l-kreditu huwa cert, likwidu u skadut u l-attur ikkonferma l-kreditu b'Affidavit (Dok. "B") a tenur ta' l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u li fil-fehma tieghu l-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu;

"Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:

"1. tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici bid-dispensa tas-smigh u bl-abbrevjazzjoni tat-termini a tenur ta' l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

"2. tikkundanna lill-konvenuti in solidum bejniethom ihallsu lill-attur is-somma ta' erbgha u tletin elf lira Maltija (Lm34,000), ta' erbgha u tletin kambjala (34) numerati minn wiehed (1) sa erbgha u tletin (34) (Dok. "A1" sa "A34") minnhom iffirmati u accettati;

"3. tikkundanna lill-konvenuti in solidum bejniethom ihallsu lill-attur l-imghaxijiet kummercjali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) dekorribbli mid-data tal-hrug rispettiva tal-kambjali dovuti, u cioe` l-kambjali numerati minn wiehed (1) sa erbgha u tletin (34) (Dok. "A1" sa "A34"), sad-data tal-pagament effettiv, u dan ai termini ta' l-Artikolu 1141(1) tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta);

"Bl-ispejjez u bir-rizerva ta' kull azzjoni fil-Ligi.

"Il-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni."

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tas-16 ta' Dicembru 1997, li in forza tieghu wara li qieset li prima facie l-konvenuti ghandhom eccezzjonijiet x'jaghtu, tathom 20 jum biex jaghtu l-eccezzjonijiet taghhom;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li in forza taghha eccepew illi:
"1. Illi l-konvenuti qatt ma dahlu f'xi relazzjoni guridika ma' l-attur f'isimhom personali izda ghan-nom, f'isem u fl-interess tas-Socjeta` Springfield Company Limited li tiggestixxi n-negozju ta' lukandier taht l-isem ta' Springfield Hotel u dan kif jirrizulta mill-kopja tal-ftehim li permezz tieghu koncess ix-xoghol b'appalt lill-attur f'isem u fl-interess tas-Socjeta` Kummercjali Ramco Ltd li kopja tieghu qieghda hawn tigi annessa u markata "Dok A" liema ftehim huwa l-bazi illi fuqhom inhargu u gew accettati l-kambjali mertu ta' din il-kawza.

"2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, mhux minnu illi l-attur ghandu jiehu l-ammont indikat fl-att tac-citazzjoni stante illi diga` gew imhallsa diversi ammonti u dan kif jigi stabbilit waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

"3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost mhux minnu illi l-konvenuti naqsu milli jkomplu jonoraw il-kambjali mertu ta' din il-kawza izda huwa l-attur illi naqas milli jikkonsinna l-kambjala bl-ircevuta kif imiss u dan bi ksur ta' l-Artikolu 194 tal-Kodici tal-Kummerc kull meta l-konvenuti affetwaw pagament ghal-liema raguni l-istess konvenuti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-attur stante illi prevalew ruhhom mid-dritt moghti lilhom mil-ligi permezz ta' l-Art. 194 aktar 'il fuq precitat.

"4. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost, l-attur, qabel ma jistitwixxi t-talba odjerna kellu jiprevalixxi u jimxi skond il-procedura stabbilita mill-Kodici tal-Kummerc f'kaz ta' rifjut tal-hlas ta' kambjala liema procedura l-attur naqas

li josserva u ghal-liema raguni l-konvenuti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-attur.

"5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-affidavit anness rikjest mill-Artikolu 167-170 ma hux mahluf skond id-disposizzjonijiet ta' l-istess artikoli u ghaldaqstant in-nullita` ta' l-istess proceduri.

"Salv eccezzjonijiet ohra."

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti li in forza taghha eccepew illi:
"1. Illi l-kambjali esebiti bhala A1 sa A34 huma nulli stante li ghandhom il-firma tat-traent nieqsa."

Rat id-decizjoni moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta' Jannar 2006, li in forza taghha qatghet il-kawza billi, wara li cahdet l-eccezzjonijiet kollha sollevati, kkundannat lill-konvenuti jhallsu lill-attur Lm27,500, flimkien ma' l-imghaxijiet u l-ispejjez kif mitluba fic-citazzjoni;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Inqisu l-ewwel din l-eċċezzjoni ulterjuri ta’ nullità tal-kambjalijiet minħabba nuqqas ta’ firma tat-traent.

"Tassew illi fuq il-kopji tal-kambjalijiet esebita maċ-ċitazzjoni ma kinitx tidher il-firma tat-traent. Wara, iżda, l-attur esebixxi kopji oħra[1] li juru illi l-kambjalijiet ġew regolarment iffirmati mit-traent, għalkemm wara l-aċċettazzjoni; għalhekk ma hux il-każ illi nqisu aktar din l-eċċezzjoni.

"Ngħaddu għalhekk biex inqisu l-eċċezzjonijiet l-oħra u t-talbiet ta’ l-attur.

"Din hija azzjoni għall-ħlas ta’ kambjalijiet. Il-kambjalijiet ġew aċċettati mill-konvenuti favur l-attur u għalhekk l-ewwel eċċezzjoni, li tista’ tolqot relazzjonijiet li l-partijiet

[1] *Foll.* 125 *et seqq.*

jistgħu għandhom ma’ terzi, ma hijiex relevanti għall-għanijiet tal-kawża tallum.

"Lanqas ma għandha relevanza għall-kawża tal-lum ir-raba’ eċċezzjoni, dwar in-nuqqas ta’ protest tal-kambjalijiet. Il-protest huwa meħtieġ biex il-pussessur ta’ kambjala jżomm il-jedd ta’ regress kontra l-ġiranti; ladarba, iżda, fil-każ tallum il-kambjalijiet ma ġewx ġirati, u l-azzjoni hija kontra l-aċċettanti u mhux kontra l-ġiranti, in-nuqqas ta’ protest ma għandu ebda importanza.

"L-aħħar eċċezzjoni wkoll, dwar il-forma ta’ l-*affidavit*, kien ikollha xi relevanza li kieku l-azzjoni mxiet bil-proċedura sommarja; ladarba, iżda, l-kawża mxiet bil-proċedura ordinarja, l-eċċezzjoni ma għadx għandha relevanza.

"Fadal li nqisu għalhekk it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet illi, effettivament, huma eċċezzjonijiet ta’ ħlas. Huwa fuq il-konvenuti l-oneru li jagħmlu prova tal-ħlas.

"Li ġara hu illi l-konvenuti kienu taw xogħol b’appalt lis-soċjetà *Ramco Limited*. Billi l-konvenuti ma kellhomx flus biżżejjed biex jiffinanzjaw il-proġett, kien ħareġ xi flus b’self l-attur, u l-konvenuti kienu aċċettaw kambjalijiet, fosthom dawk li dwarhom saret il-kawża, għar-radd tas-self. Il-konvenuti għamlu xi ħlasijiet akkont lil *Ramco Limited*, u għalhekk ressqu l-eċċezzjoni ta’ ħlas. Mill-provi ħareġ, iżda, illi l-ħlasijiet li saru kienu biss lil *Ramco Limited*, u mhux ukoll lill-attur. Fil-fatt, il-konvenuta stess, meta xehdet fis-seduta tas-26 ta’ Jannar 1999, stqarret illi lanqas taf li lill-attur *proprio* l-konvenuti għandhom jagħtuh xi flus[2]; anqas u anqas, għalhekk, ma setgħu għamlu ħlasijiet akkont ta’ dejn li lanqas biss jafu bih, għalkemm jirriżulta mill-kambjalijiet. Kien għalhekk illi l-attur ma raddx il-kambjalijiet, kif kien marbut li jagħmel taħt l-Art. 194 tal-Kodiċi tal-Kummerċ li kieku tħallas tal-kambjalijiet: il-kambjalijiet żammhom għax għadu ma tħallasx tagħhom.

2 *Fol*. 75.

"Kien biss waqt is-smigħ tal-kawża illi l-konvenuti ħallsu sitt elef u ħames mitt lira (Lm6,500) akkont, u għalhekk l-attur b'nota tal-25 ta' Mejju 2000[3] naqqas it-talba għal sebgħa u għoxrin elf u ħames mitt lira (Lm27,500)."

Rat ir-rikors ta' l-appell tal-konvenuti li in forza tieghu, ghar-ragunijiet hemm premessi, talbu li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata u tiddeciedi billi tilqa' l-aggravju tal-konvenuti appellanti u tichad it-talbiet ta' l-attur appellat, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess socjeta` appellata;

Rat ir-risposta ta' l-appell ta' l-attur li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, iddikjara li s-sentenza appellata hija gusta fis-sustanza u timmerita konferma bl-ispejjez;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat;

Illi din hi kawza fejn l-attur qed jitlob hlas ta' kambjali ffirmati mill-konvenuti u li nhargu wara self li hu ghamel lill-istess konvenuti. Ghal din l-azzjoni, il-konvenuti wiegbu bi tlett eccezzjonijiet principali:
(i) in-nullita` tal-kambjalijiet minhabba nuqqas ta' firma tat-traent;

(ii) in-nuqqas ta' protest tal-kambjalijiet; u

(iii) il-pagament.

L-ewwel Qorti cahdet kull eccezzjoni sollevata, u l-konvenuti ressqu dan l-appell limitatament biex jilmentaw kontra c-cahda mill-ewwel Qorti ta' l-ewwel zewg eccezzjonijiet imsemmija.

3 *Fol*. 98.

Dwar l-ewwel aggravju, hu veru li originarjament il-kambjalijiet ma kenux iffirmati mit-traent, pero`, fil-mori tal-kawza dawn gew regolarment iffirmati. Il-konvenuti jsostnu li ladarba dawn il-kambjali ma kenux gew iffirmati mit-traent meta nhargu, dawn ghandhom jitqiesu nulli. Din il-Qorti tirrileva li dan il-punt gia` gie trattat u deciz minn din il-Qorti f'kawzi ohra, u fihom intqal li, filwaqt li l-firma tat-traent hija importanti ghall-validita` tal-kambjala, il-firma li ssir fil-mori tal-kawza ssalva l-kambjala skond id-duttrina ta' *ius superveniens*. Issir referenza ghas-sentenza **Attard v. Ellul**, deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Gunju 2007, u ghall-gurisprudenza hemm indikata.

Ghar-rigward tan-nuqqas ta' protest, il-posizzjoni hija dik kif inghad mill-ewwel Qorti, u cioe`, li meta kambjala ma tkunx girata, mhux mehtieg li l-istess tkun protestata meta d-debitur jonqos li jhallas *ai termini* ta' l-istess kambjala. Issir referenza ghas-sentenza **Ocean Way Co. Ltd. v. L'Onda Ltd et**, deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Dicembru 2001, u **Vassallo v. Azzopardi**, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Novembru, 2004.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-konvenuti billi tichad l-istess, u tikkonferma s-sentenza ta' l-ewwel Qorti.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mill-konvenuti *in solidum*.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------